Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 17 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9313/23

LIMITE

DROIPEN 73
COPEN 153
JAI 617
FREMP 143
SOC 318
CODEC 858

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0426(COD)**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu<br>- Approċċ ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

1. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.[1]

2. Il-proposta kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt u komunikazzjoni.[2]

[1] 16322/22.
[2] 16322/22 ADD 1, 16322/22 ADD 2, 16322/22 ADD 3, 16322/22 ADD 4, 16322/22 ADD 5.

3. Il-Kummissjoni għalhekk innutat li huwa neċessarju li tiġi emendata d-Direttiva 2011/36/UE sabiex jiġu indirizzati xejriet li qed jevolvu fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll in-nuqqasijiet identifikati minnha, u biex jiżdiedu ulterjorment l-isforzi kontra dan ir-reat.

PUBLIC

## II. ĦIDMA FIL-LIVELL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

4. Wara l-preżentazzjoni tal-proposta, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) beda l-eżami tiegħu taħt il-Presidenza Żvediża tal-Kunsill. L-eżami pproċeda relattivament malajr u wassal għal qbil wiesa' dwar xi aġġustamenti tat-test tal-proposta.

5. Wara l-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fis-17 ta' Mejju 2023, il-Presidenza kkonkludiet li test identiku għat-test fl-Anness għal din in-nota jista' jiġi ppreżentat lill-Coreper bil-ħsieb tat-tħejjija tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill.

## III. KONKLUŻJONI

6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq,

il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden

– jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-proposta għal Direttiva kif jinsab fl-Anness[3] għal din in-nota; u

– jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali dwar dan it-test;

il-Kunsill huwa mistieden

– jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, li ser jikkostitwixxi l-bażi għal negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Art. 294 TFUE).

---

[3] Il-modifiki fir-rigward tal-proposta oriġinali huma indikati b'**tipa grassa** jew [...].

**ANNESS**

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

[*Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*[1]*,*

*Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni*[2]*,*]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .



PUBLIC

Billi:

(1) It-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju, li ħafna drabi jitwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata, huwa ksur serju tad-drittijiet fundamentali u huwa pprojbit espliċitament mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-ġlieda kontrih jibqgħu prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri.

(2) Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] tikkostitwixxi l-istrument legali ewlieni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi ta' dan ir-reat. Dik id-Direttiva tistipula qafas komprensiv biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin billi jiġu stabbiliti regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet. Hija tinkludi wkoll dispożizzjonijiet komuni biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi, filwaqt li titqies il-perspettiva tal-ġeneru.

PUBLIC

[3] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1[...].

(3) L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025[4] tistipula rispons politiku li jadotta approċċ multidixxiplinarju u komprensiv mill-prevenzjoni permezz tal-protezzjoni tal-vittmi, sal-prosekuzzjoni u l-kundanna tat-traffikanti. Din inkludiet serje ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati bl-involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sabiex jiġu indirizzati xejriet li qed jevolvu fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll in-nuqqasijiet identifikati mill-Kummissjoni, u biex jiżdiedu ulterjorment l-isforzi kontra dan ir-reat, jeħtieġ, madankollu, li tiġi emendata d-Direttiva 2011/36/UE. [...] Nuqqasijiet identifikati tar-rispons tal-liġi kriminali li jeħtieġu adattament tal-qafas legali huma relatati ma' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin imwettqa fl-interess ta' persuni ġuridiċi, għas-sistema tal-ġbir ta' data, u għas-sistemi nazzjonali mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar, l-assistenza u l-appoġġ għalihom.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025, COM(2021) 171 final, 14.4.2021.

(4) Sabiex tiġi indirizzata ż-żieda kostanti fl-għadd u fir-rilevanza tar-reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin imwettqa għal finijiet oħra minbarra l-isfruttament sesswali jew ta' ħaddiema, jeħtieġ li jiġu inklużi ż-żwieġ furzat u l-adozzjoni illegali fil-forom ta' sfruttament elenkati b'mod espliċitu [...] fid-Direttiva **2011/36/UE**, u li jiġi żgurat li l-Istati Membri jindirizzaw, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, l-aktar firxa wiesgħa ta' forom ta' sfruttament, sa fejn dawn jissodisfaw l-elementi kostitwenti tat-traffikar tal-bnedmin. **Iż-żwieġ furzat u l-adozzjoni illegali diġà jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin kif definit fid-Direttiva, sal-punt li l-kriterji kollha li jikkostitwixxu r-reati msemmija jiġu ssodisfati. Madankollu, fid-dawl tal-gravità ta' dawk il-prattiki, l-isfruttament taż-żwieġ furzat u l-adozzjoni illegali jenħtieġ li jiġu inklużi b'mod espliċitu bħala forom ta' sfruttament fid-Direttiva 2011/36/UE. Ir-regoli f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet ta' żwieġ, adozzjoni, żwieġ furzat u adozzjoni illegali, jew reati relatati magħhom, fejn previst fil-liġi nazzjonali jew internazzjonali.**

PUBLIC

(5) Għadd dejjem akbar ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin jitwettqu jew jiġu ffaċilitati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni jew tal-komunikazzjoni. It-traffikanti jużaw **frekwentement** l-internet u l-media soċjali, inter alia, biex jirreklutaw, jirreklamaw jew jisfruttaw il-vittmi, jeżerċitaw kontroll u jorganizzaw it-trasport. L-internet u l-media soċjali jintużaw ukoll biex jitqassmu materjali ta' sfruttament. It-teknoloġija tal-informazzjoni xxekkel ukoll id-detezzjoni f'waqtha tar-reat u l-identifikazzjoni tal-vittmi u tal-awturi ta' reat. **Il-qafas legali eżistenti fid-Direttiva 2011/36/UE diġà jinkludi, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, reati mwettqa bl-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, pereżempju fir-reklutaġġ u l-isfruttament tal-vittmi, l-organizzazzjoni tat-trasport u l-akkomodazzjoni tagħhom, ir-reklamar tal-vittmi online u l-kuntatt ma' klijenti potenzjali, il-kontroll tal-vittmi u l-komunikazzjoni bejn l-awturi, inkluż it-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati kollha. Sabiex jiġi indirizzat dan il-modus operandi tat-traffikanti, hemm bżonn li l-infurzar tal-liġi jtejjeb il-kapaċitajiet u l-għarfien espert diġitali tiegħu, biex ilaħħaq mal-iżviluppi teknoloġiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw miżuri preventivi, b'mod partikolari biex jiskoraġġixxu d-domanda, li jindirizzaw il-kwistjoni tal-abbuż tas-servizzi online għat-traffikar tal-bnedmin.** [...]

(6) Sabiex tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għal reati li jikkonċernaw it-traffikar ta' bnedmin imwettqa għall-benefiċċju ta' persuni ġuridiċi u sabiex jiġi skoraġġut it-twettiq ta' dawk ir-reati, [...] **jenħtieġ li jiġi ċċarat** ir-reġim ta' sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi [...].

(7) [...][5][...] **Id-Direttiva [2014/42/UE] tistabbilixxi regoli minimi dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali f'materji kriminali, u hija applikabbli għar-reati kriminali koperti mid-Direttiva 2011/36/UE. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/36/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska huma għalhekk obsoleti u jenħtieġ li jitħassru.**

PUBLIC

5 [...]

(8) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali li jiġu identifikati l-vittmi fi stadju bikri, u li dawn jiġu rriferuti għas-servizzi ta' protezzjoni, assistenza u appoġġ xierqa, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti by-laws, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, [...]**m**ekkaniżmu [...]**r**iferiment **wieħed jew aktar** fl-Istati Membri. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' riferiment [...] formali u l-ħatra ta' [...] punti fokali għar-riferiment **transkonfinali** tal-vittmi huma miżuri essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transkonfinali. **Mekkaniżmu ta' riferiment jenħtieġ li jkun qafas trasparenti, aċċessibbli u armonizzat li jiffaċilita d-detezzjoni bikrija, l-identifikazzjoni, l-appoġġ u l-assistenza tal-vittmi tat-traffikar u r-riferiment tagħhom lill-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali responsabbli. Tali qafas jenħtieġ li jidentifika l-awtoritajiet kompetenti parteċipanti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra u jistipula r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, inkluż l-proċeduri u l-linja ta' komunikazzjoni. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jieħdu l-forma ta' sett ta' proċeduri stabbiliti, linji gwida, protokolli ta' qafas jew arranġamenti ta' kooperazzjoni. Mekkaniżmu ta' riferiment jenħtieġ li japplika għall-vittmi kollha u għall-forom kollha ta' reati ta' traffikar filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà individwali tal-vittmi. Jenħtieġ li l-punti fokali jservu bħala punti ta' kuntatt għar-riferiment transkonfinali tal-vittmi. Dawn jistgħu jkunu bbażati fuq mekkaniżmi jew strutturi ta' governanza eżistenti u mhux ser ikollhom jissostitwixxu l-mekkaniżmi nazzjonali tal-ilmenti jew l-hotlines. L-Istati Membri huma mħeġġa jkollhom mekkaniżmu nazzjonali uniku u punt fokali uniku fis-seħħ, meta l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tippermetti dan.**

PUBLIC

(9) Sabiex ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati l-isforzi tal-ġustizzja kriminali dwar it-tnaqqis fid-domanda madwar l-Istati Membri, huwa importanti **li jiġi** kriminalizzat l-użu ta' servizzi **meta l-utent ikun jaf li l-persuna li tipprovdi s-servizzi**[...] hija vittma ta' reat li jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. L-istabbiliment ta' dan bħala reat kriminali huwa parti minn approċċ komprensiv għat-tnaqqis tad-domanda, li għandu l-għan li jindirizza l-livelli għoljin ta' domanda li jrawwem [...] il-forom kollha ta' sfruttament. **Il-kriminalizzazzjoni jenħtieġ li tkun immirata biss lejn l-użu ta' servizzi pprovduti fil-qafas tal-isfruttament kopert mir-reat tat-traffikar tal-bnedmin. Ir-reat għalhekk jenħtieġ li ma japplikax għall-klijenti li jixtru prodotti manifatturati taħt kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi, peress li mhumiex l-utenti ta' servizz.**

PUBLIC

(10) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar l-ambitu tat-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika dwar it-traffikar tal-bnedmin kull sena b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex jittejjeb il-fehim ġenerali dwar il-fenomenu u biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji infurmati bid-data. [...] **L-Istati Membri huma mħeġġa jżommu l-granularità tal-ġbir tad-data annwali introdott fl-2022, abbażi tal-linji gwida maqbula bejn l-Istati Membri u l-EUROSTAT, li pproduċa l-istatistika użata għar-rapport skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE kif ukoll għar-Rapport Globali annwali tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità dwar it-Traffikar tal-Persuni.**

(11) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi ta' dan ir-reat, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

PUBLIC

(12) Id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-għażla ta' okkupazzjoni u d-dritt għax-xogħol, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, u l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-prinċipji ta' legalità u l-proporzjonalità ta' reati u ta' pieni kriminali. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-prinċipji, li għandhom jiġu implimentati kif meħtieġ.

(13) [...] F'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tal-**20 ta' April 2023**[6], ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

6 8928/23.

(14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(15) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[7], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.

(16) Għalhekk, id-Direttiva 2011/36/UE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Emendi għad-Direttiva 2011/36/UE*

Id-Direttiva 2011/36/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 **għandu jkollu l-formulazzjoni li ġejja:** [...]

L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, **l-isfruttament taż-żwieġ furzat jew tal-adozzjoni illegali,** xogħol jew servizzi furzati, inkluż l-elemożina, l-iskjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi.

(2) [...]

[7] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.



PUBLIC

*[...]*

(3) l-Artikolu 6 **huwa** [...] sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

*Sanzjonijiet fuq persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 5(1) jew (2) tista' **tkun ikkastigata b'sanzjonijiet jew miżuri**[...] kriminali jew mhux kriminali **effettivi, proporzjonati u dissważivi**. [...]

[...]

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **sanzjonijiet jew miżuri għal [...]** persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli [...] skont l-Artikolu 5(1) jew (2) **għar-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3** [...] **jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet jew miżuri kriminali jew mhux kriminali oħra, bħal:** [...]

**(a) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji jew għajnuna pubblika;**

**(b) għeluq tal-istabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat;**

PUBLIC

([...] **c)** skwalifika [...] mill-prattika ta' attivitajiet **kummerċjali** [...];

([...] **d)** tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

([...] **e)** l-istralċ ġudizzjarju.

3. [...]

**(3a) l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/36/UE huwa revokat.**

*[...]*

(4) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu by-laws, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, mekkaniżmi [...] ta' riferiment **wieħed jew aktar** immirati lejn id-detezzjoni bikrija tal-vittmi, l-assistenza u l-appoġġ għalihom, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti, u biex jaħtru punti fokali [...] **wieħed jew aktar** għar-riferiment **transkonfinali** tal-vittmi."

(5) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 4 jitħassar.

(6) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

PUBLIC

*"Artikolu 18a*

*Reati li jikkonċernaw l-użu ta' servizzi [...] **bl-għarfien li l-persuna li tipprovdi s-servizzi** [...] hija vittma [...] tat-traffikar tal-bnedmin*

PUBLIC

(1) [...] L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex [...] **jiżguraw li** l-użu**intenzjonali** ta' servizzi **pprovdut minn vittma ta' reat** [...] imsemmi fl-Artikolu 2[...] **jikkostitwixxi reat kriminali, fejn il-vittma tiġi sfruttata biex tagħti tali servizzi u l-utent tas-servizzi jaġixxi bl-għarfien li l-persuna li tipprovdi s-servizz hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2**.

(2) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reat kif stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1 ikun punibbli b'pieni [...] effettivi, proporzjonati u dissważivi.

**(3) L-Artikoli 5, 6, 9(1) u l-Artikolu 10(1) u (2) għandhom japplikaw għar-reat deskritt fil-paragrafu 1."**

(7) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

*"Artikolu 19a*

*Ġbir ta' data u statistika*

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema għar-reġistrazzjoni, il-produzzjoni u l-forniment ta'** data [...] statistika **anonimizzata** biex tiġi mmonitorjata l-effettività tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra r-reati msemmija f'din id-Direttiva.

2. Id-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha **tinkludi** [...], **bħala minimu** [...], **data disponibbli fil-livell ċentrali dwar dan li ġej** [...]:

(a) l-għadd ta' vittmi rreġistrati **identifikati u preżunti**[...] ta' reati msemmija fl-Artikolu 2, **sa fejn ikun possibbli, f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali**[...];

(b) l-għadd ta' persuni suspettati b'reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat**, sa fejn ikun possibbli,** skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, u l-forma ta' sfruttament;

(c) l-għadd ta' persuni mħarrka għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat**, sa fejn ikun possibbli,** skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza, il-forma ta' sfruttament, in-natura tad-deċiżjoni finali għal prosekuzzjoni;

(d) l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni (akkuża għar-reati msemmija fl-Artikolu 2, akkuża għal reati kriminali oħra, deċiżjoni li ma ssirx akkuża, oħrajn);

(e) l-għadd ta' persuni kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 2, diżaggregat**, sa fejn ikun possibbli,** skont is-sess, il-gruppi ta' età (tfal/adulti), iċ-ċittadinanza;

(f) l-għadd ta' sentenzi tal-qorti (ħelsien, kundanni, oħrajn) għar-reati msemmija fl-Artikolu 2[...];

(g) l-għadd ta' persuni suspettati, persuni mħarrka u kkundannati għal reati msemmija fl-Artikolu 18a, diżaggregat**, sa fejn ikun possibbli,** skont is-sess u l-gruppi ta' età (tfal/adulti).

3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu darba fis-sena lill-Kummissjoni, sal-**31 ta' Diċembru** [...]kull sena, id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti.

PUBLIC

(8) Fl-Artikolu 23, jiddaħħal il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha, [*sa ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni*], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 18a u l-impatt ta' dawn il-miżuri."

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn **sentejn** [...] wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. [...]



PUBLIC

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*
*Il-President* *Il-President*

PUBLIC